

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Informazzjoni Dwar It-tneħħija Legali Tal-minuri](#) Sweden

Informazzjoni dwar it-tneħħija legali tal-minuri



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Taħt liema ċirkostanzi jista' ġenitur jittrasferixxi legalment lill-minuri lejn Stat ieħor mingħajr il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor?

Jekk minuri jkollu żewġ tuturi, essenzjalment tkun meħtieġa deċiżjoni konġunta dwar kwistjonijiet relatati mal-affarijiet personali tal-minuri, inkluż kemm rigward vjaġġi qosra f'pajjiż barrani kif ukoll rigward kwalunkwe residenza permanenti f'pajjiż ieħor. Madankollu, jekk il-minuri jkun jgħix ma' wieħed biss miż-żewġ tuturi, il-ġenitur li miegħu jgħix il-minuri jitqies li jkollu d-dritt li jiddeċiedi fejn se jgħix il-minuri fil-ħin liberu tiegħu, inkluż dwar żjarat qosra f'pajjiż barrani, ħlief jekk dan jikser xi dritt ta' aċċess li t-tutor l-ieħor jista' jkollu għall-minuri.

Ġenitur li jkun tutor uniku jkollu d-dritt li jieħu l-minuri f'pajjiż barrani jew li jmur jgħix f'pajjiż barrani mal-wild mingħajr l-approvazzjoni tal-ġenitur l-ieħor. Madankollu, jekk il-ġenitur l-ieħor ikollu dritt ta' aċċess għall-minuri, il-ġenitur li jkun it-tutor tal-minuri għandu jżomm dan f'moħħu. Il-ġenitur l-ieħor li jkollu d-dritt ta' aċċess għall-minuri, jista' jiftaħ rikors għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni dwar l-aċċess fil-pajjiż ta' residenza l-ġdid tal-minuri, meta dan ikun possibbli skont ir-regoli tal-pajjiż ta' residenza l-ġdid. Dan ir-rikors jista' jsir skont il-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1996 jew ir-Regolament Brussels II, jekk il-pajjiż fejn jirrisjedi l-minuri jkun parti għal dik il-Konvenzjoni jew għal dak ir-Regolament. Il-ġenitur l-ieħor jista' jiftaħ ukoll rikors għall-aċċess skont il-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 jekk dik il-Konvenzjoni tapplika għall-pajjiż fejn jirrisjedi l-minuri. Jekk tutor uniku ma jinxix ma' deċiżjoni dwar l-aċċess u għalhekk ma jissodisfax il-ħtieġa tal-minuri għal kuntatt tajjeb u mill-qrib maż-żewġ ġenituri, dan ġeneralment ikollu effett fuq kif qorti Żvediża tivvaluta l-materja tal-kustodja fi kwalunkwe tilwima legali sussegwenti. Il-ġenituri għalhekk għandhom responsabbiltà konġunta biex jiżguraw li l-aċċess jipproċedi kif suppost.

2 Taħt liema ċirkostanzi hu meħtieġ il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor għat-trasferiment tal-minuri lejn stat ieħor?

Kif wieħed jista' jara mit-tweġiba għall-mistoqsija 1, il-ġenituri li t-tnejn li huma jkunu tuturi jistgħu jieħdu deċiżjonijiet konġunti dwar kwistjonijiet relatati mal-minuri, inkluż dwar kwalunkwe soġġorn barra l-pajjiż. Mit-tweġiba għall-mistoqsija 1 jirriżulta wkoll li, anke jekk wieħed biss mill-ġenituri jkun tutor, hemm ċerti sitwazzjonijiet fejn dak it-tutor ikollu jadatta kwalunkwe soġġorn qasir jew permanenti tal-minuri f'pajjiż barrani skont kif deċiż mal-ġenitur l-ieħor rigward id-dritt tal-aċċess tiegħu għall-minuri. It-tneħħija illegali ta' minuri tista' tikkostitwixxi reat skont id-dritt Żvediż.

3 Jekk il-ġenitur l-ieħor ma jagħtix kunsens għat-trasferiment tal-minuri lejn Stat ieħor, minkejja li jkun meħtieġ, il-minuri kif jistgħu jiġu ttrasferiti

b' mod legali lejn Stat ieħor?

Meta tutur ikollu kustodja konġunta tal-minuri flimkien mal-ġenitur l-ieħor, ikun hemm opportunità għal dak it-tutor li jieħu deċiżjoni waħdu f'ċerti sitwazzjonijiet fir-rigward tal-kustodja tal-minuri. Din l-opportunità tingala' jekk it-tutor l-ieħor ma jkunx jista', minħabba assenza, mard jew raġuni oħra, ikun involut fit-teħid ta' deċiżjonijiet li ma jistgħux jiġu posposti mingħajr diffikultà. Deċiżjonijiet ta' importanza kruċjali għall-futur tal-minuri ma jistgħux jittieħdu b'dan il-mod, ħlief meta dan ikun meħtieġ fl-aħjar interessi tal-minuri. Hemm ukoll l-opportunità għall-kumitat tal-affarijiet soċjali tal-awtorità lokali li jiddeċiedi dwar kura psikjatrika jew psikoloġika, anke jekk wieħed biss mit-tutori jagħti l-kunsens tiegħu għaliha, jekk dan ikun meħtieġ fl-aħjar interessi tal-minuri.

4 L-istess regoli japplikaw għat-trasferiment temporanju (eż. vaganza, il-kura tas-saħħa eċċ.) u t-trasferiment permanenti? Jekk applikabbli, jekk jogħġbok ipprovidi l-formoli ta' kunsens rilevanti

L-istess regola tapplika għal ġenitur li jkun it-tutor uniku. Jekk il-minuri jkun qed jgħix ma' wieħed biss miż-żewġ tuturi, it-tutor li miegħu jgħix il-minuri jitqies li għandu d-dritt li jiddeċiedi fejn il-minuri jqatta' l-ħin liberu tiegħu, inkluż vjaġġi qosra f'pajjiż barrani (jekk jogħġbok ara t-tweġiba għall-mistoqsija 1). Tutor li jkollu kustodja konġunta tal-minuri mal-ġenitur l-ieħor jista' wkoll, wara deċiżjoni mill-kumitat tal-affarijiet soċjali tal-awtorità lokali, jieħu minuri f'pajjiż barrani għal kura psikjatrika jew psikoloġika mingħajr il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor (jekk jogħġbok ara t-tweġiba għall-mistoqsija 3).

L-aħħar aġġornament: 06/03/2026

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.